# RIŻORSA 7

## STEJJER TA' VITTMI TAX-XOGĦOL TAT-TFAL

### TIM 1

**1.** John Allett beda jaħdem f'fabbrika tat-tessuti meta kellu 14-il sena. Allett kellu 53 sena meta intervistawh Michael Sadler u l-Kumitat tal-House of Commons li kien jippresiedi fil-21 ta' Mejju 1832.

**Mistoqsija**: Tistqarr jekk is-sigħat tax-xogħol żdidux?

**Tweġiba**: Meta bdejt naħdem fil-fabbriki, kont naħdem madwar 11-il siegħa kuljum, imma maż-żmien il-ġurnata tax-xogħol twalet għal 15, 16 u ġieli 18-il siegħa. Rajt b'għajnejja 'l uliedi stess jibdew il-ġimgħa bil-kwiet imma fuq tagħhom; mentri lejn tmiem il-ġimgħa, l-għeja tkun bdiet dieħla sew.

**Mistoqsija:** Ikunu bilwieqfa l-ħin kollu?

**Tweġiba:** Dejjem. Ma jistgħu jistrieħu qatt.

**Mistoqsija:** Kienu jkunu bi ngħas wisq?

**Tweġiba:** Ħafna. Darba filgħaxija t-tifel iż-żgħir nett qalli, "Pa, x'ħin hu?" Weġibtu, ngħidu aħna, "Saru s-sebgħa." "O! Sagħtejn biss baqa' sa ma jdoqqu d-disgħa?" Ma niflaħhiex iktar din; ġieli għaddieli minn rasi li kważi kważi nippreferi narahom imutu bil-ġuħ milli narahom jiġu maħqura b'dal-mod. Ġieli smajtu jsejjaħ, minn kukkużejt malli nkunu wasalna ftit jardi 'l bogħod mill-bieb, "Ma, l-ikel lest?", biex imbagħad, tebqa t'għajn wara meta nniżżlu minn fuq dahri, nara li jkun raqad qabel ma ommu tkun newlitlu l-platt.

**Mistoqsija:** Dak it-tifel meta mar fil-fabbrika għall-ewwel darba?

**Tweġiba:** Kellu bejn sitta u seba' snin.

**Mistoqsija:** Minnu li jiġru aktar aċċidenti lejn tmiem il-ġurnata tax-xogħol?

**Tweġiba:** Aktar naf li jiġru aċċidenti fil-bidu tal-ġurnata milli lejn tmiemha. Rajt aċċident wieħed b'għajnejja. Kien hemm tifel qed jaħdem is-suf, jiġfieri kien qed jipprepara s-suf għall-magna. Imma barmitu ċ-ċinga, għax bilkemm kien imqajjem, u ġarritu f'nofs il-makkinarju. Sibna riġel hawn u driegħ hemm: spiċċa mqatta' biċċiet, il-magna belgħet ġismu kollu, u qaċċtitu biċċa biċċa.

**2.** **Elizabeth Bentley** twieldet f'Leeds fl-1809. Bdiet taħdem f'fabbrika tal-kittien meta kellha sitt snin. Fl-4 ta' Ġunju 1832, Elizabeth ġiet intervistata minn Michael Sadler u l-Kumitat tal-House of Commons tiegħu. Iddeskriviet kif ix-xogħol fis-sala tat-tqardix kien ħassrilha saħħitha b'mod serju. "Kullimkien kien mimli trab, it-trab daħalli fil-pulmuni, u x-xogħol kien iebes wisq. Saħħti tant marret għall-agħar li, meta kien ikolli nniżżel il-basktijiet 'l isfel, kont naqla' għadmi minn postu." Spjegat li issa kienet spiċċat "sfigurata ħafna". Żiedet tgħid: "Kelli xi 13-il sena meta beda dan kollu, u minn dak iż-żmien 'l hawn l-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar."

**Mistoqsija:** X'ħinijiet tax-xogħol kellek?
**Tweġiba:** Bħala tifla, kont naħdem mill-ħamsa ta' filgħodu sad-disgħa ta' billejl.
**Mistoqsija:** Kemm kont tingħata ħin għall-ikel?
**Tweġiba:** Kienu jagħtuna 40 minuta f'nofsinhar.
**Mistoqsija:** Kont tingħata ħin biex tiftar filgħodu, jew biex tixrob?
**Tweġiba:** Le, kienu jġibulna xi ħaġa waqt ix-xogħol.
**Mistoqsija:** Kien ikollok ċans tiekol l-ikel li jġibulek?
**Tweġiba:** Le. Kien ikollna nħalluh hemm jew neħduh id-dar, u meta ma konniex neħduh id-dar, kien jieħdu s-superviżur biex jagħlef il-ħnieżer.
**Mistoqsija:** X'kien jiġri jekk kont tbatti ftit fix-xogħol, jew inkella jekk kont tasal tard, x'kienu jagħmlulek?
**Tweġiba:** Kienu jsawtuna biċ-ċinturin.
**Mistoqsija:** X'xogħol kont tagħmel?
**Tweġiba:** Kont niżen il-kittien fis-sala tat-tqardix.
**Mistoqsija:** Kemm kont iddum taħdem hemm?
**Tweġiba:** Mill-ħamsa u nofs ta' filgħodu sat-tmienja ta' billejl.
**Mistoqsija:** Kif inhi s-sala tat-tqardix?
**Tweġiba:** Mimlija trabijiet. Tant kien ikun hemm trab fl-arja li 'qas kont tara 'l ta' maġenbek.
**Mistoqsija:** Ix-xogħol fis-sala tat-tqardix affettwalek saħħtek?
**Tweġiba:** Iva: kullimkien kien mimli trab, it-trab daħalli fil-pulmuni, u x-xogħol kien iebes wisq. Saħħti tant marret għall-agħar li, meta kien ikolli nniżżel il-basktijiet 'l isfel, kont naqla' għadmi minn postu.
**Mistoqsija:** Bħala konsegwenza ta' dan ix-xogħol, inti issa sfigurata ħafna f'persuntek?
**Tweġiba:** Iva, hekk hu.
**Mistoqsija:** Meta beda jiġrilek hekk?
**Tweġiba:** Kelli xi 13-il sena meta beda dan kollu, u minn dak iż-żmien 'l hawn l-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar. Meta ommi mietet, kelli nieħu ħsieb lili nnifsi.
**Mistoqsija:** U issa fejn toqgħod?
**Tweġiba:** Fl-istitut tal-fqar.
**Mistoqsija:** Assolutament ma tistax taħdem fil-fabbriki?
**Tweġiba:** Hekk hu.
**Mistoqsija:** Dejjem kont lesta taħdem dment li stajt, minn età żgħira?
**Tweġiba:** Iva.
**Mistoqsija:** U domt kemm stajt tmanti lil ommok wara li romlot?
**Tweġiba:** Hekk hu.

**TIM 2**

**1.** John Birley twieled f'Bethnal Green, Londra, fl-1805. Missieru miet meta John kellu sentejn. Ommu mardet u fl-1810 John u oħtu ntbagħtu fl-istitut tal-fqar ta' Bethnal Green. Birley kkummenta: "Kellna ikel tajjeb, sodod tajba, u kien ikollna ħin liberu darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa. Għallmuna naqraw, u kienu qalbhom tajba magħna f'kollox."

Dik l-istess sena li mietet ommi, meta kelli bejn sitta u seba' snin, ġie wieħed raġel ifittex għadd ta' apprendisti tal-parroċċa. Ordnawlna nidħlu fis-sala tad-diretturi, konna xi 40. Ikolli ngħid kien hemm xi 20 sinjur bilqiegħda madwar il-mejda, bil-pinen u l-karti quddiemhom. Sejħulna wieħed wieħed b'isimna. Konna lkoll bilwieqfa filliera waħda quddiemhom. Sejħu ismi, u ħriġt f'nofs is-sala. Ir-raġel qalli, 'Mela, John, inti tifel tinqala'. Trid tmur fil-kampanja?' Weġibtu: 'Iva sinjur'."

Lil Burley ħaduh f'Buxton, ġewwa Derbyshire. "Wasalna Buxton is-Sibt fl-erbgħa ta' waranofsinhar. Hemm sibna karru mgħotti jistenniena. Dħalna lkoll fih, u ħaduna fid-djar tal-apprendisti f'Litton Mill, madwar sitt mili 'l bogħod min Buxton. Il-karru waqaf, u mmarċjawna sad-dar, fejn iltqajna mal-imgħallem, li ġie biex jiflina u biex jagħti l-ordnijiet dwar fejn kellhom ipoġġuna. Ġabulna ftit ikel. Kellna ħafna ġuħ, imma l-ikel ma stajniex inniżluh. Kienu newlulna ftajjar tal-ħafur ta' Derbyshire, u qatt ma konna doqna ikel hekk qabel. Kien qares daqs il-ħall."

John Birley skopra li issa kien apprendist fi Cressbrook MIll. "Il-ġurnata tax-xogħol tagħna kienet tibda fil-ħamsa ta' filgħodu u tispiċċa fid-disgħa jew l-għaxra ta' billejl; nhar ta' Sibt, sal-ħdax, u spiss anki sa nofsillejl, u mbagħad il-Ħadd kienu jibagħtuna nnaddfu l-makkinarju. La stajna nieħdu ftit ħin għall-fatra ta' filgħodu, la kienu jħalluna nieklu bilqiegħda f'nofsinhar, u lanqas kellna ħin għall-ikla ta' filgħaxija. Konna mmorru l-fabbrika fil-ħamsa ta' filgħodu u nibqgħu naħdmu sat-tmienja jew id-disgħa ta' filgħodu, meta kienu jġibulna l-fatra, li kienet tikkonsisti fi ftit poriġ, b'xi ftit ftajjar tal-ħafur u basal għat-togħma. L-ikla ta' nofsinhar kienet tikkonsisti fi ftajjar tal-ħafur ta' Derbyshire maqsuma f'erba' biċċiet u rranġati f'żewġ turruni,  turrun wieħed bil-butir u l-ieħor bl-għasel iswed. Maġenb il-ftajjar kien ikun hemm laned bil-ħalib. Konna nixorbu l-ħalib u nieklu l-ftajjar minn idejna, bla ma npoġġu bilqiegħda, u dlonk immorru lura għax-xogħol. Konna nibqgħu għaddejjin sad-disgħa jew l-għaxra ta' billejl, meta s-sienja kienet tieqaf iddur. Konna nieqfu mix-xogħol, immorru lura fid-dar tal-apprendisti, li kienet xi tliet mitt jarda 'l bogħod mill-fabbrika. Kienet dar kbira tal-ġebel, imdawra b'ħajt xi żewġ jew tliet jardi għoli u b'bieb wieħed li dejjem kien jinżamm imsakkar. Id-dar kienet tista' tilqa' sa 150 apprendist."

Bħall-parti l-kbira tal-apprendisti, Birley kien jiġi ttrattat b'ebusija kbira: "Is-Sur Needham, l-imgħallem, kellu ħames ulied subien: Frank, Charles, Samuel, Robert u John. Dawn l-aħwa, flimkien ma' raġel jismu Swann, is-superviżur, kienu jħufu mal-fabbrika b'fergħat tal-ġellewż f'idejhom. Frank darba tant sawwatni bl-aħrax li beżża' lilu nnifsu. Ħaseb li kien qatilni. Kien tani fuq nagħsi u tilifni minn sensija. Darba xeħitni mal-art u heddidni bil-fergħa. Biex nipproteġi rasi, erfajt driegħi, u hu nfexx isawwat fuqu b'kemm kellu saħħa. Kisirli l-minkeb. Għad għandi l-marki ta' dik ix-xebgħa u għadni nħoss l-uġigħ tagħha sal-lum, u nibqa' nħossu kemm indum ħaj.

Birley ddeċieda li jgħarraf lill-istitut tal-fqar ta' Bethnal Green dwar dak li kien għaddej minnu. "Kelli l-fehma soda li ngħarraf lis-sinjuri tal-parroċċa ta' Bethnal Green dwar it-trattament li konna qed ningħataw, u flimkien ma' John Oates ktibt ittra u ħallejnieha fl-Uffiċċju tal-Posta ta' Tydeswell. Fetħuha u tawha lill-imgħallem Needham. Sawwatna b'għasluġ sa bilkemm ma stajna nitmiegħku malart. Xi żmien wara, ġew tliet sinjuri minn Londra. Imma qabel ma eżaminawna dawn is-sinjuri, nies l-imgħallem ħasluna u naddfuna u ordnawlna ngħidulhom li konna kuntenti naħdmu fil-fabbrika u li kienu jittrattawna tajjeb. Needham u wliedu kienu fil-kamra magħna. Is-sinjuri saqsewna dwar kif

konna ttrattati, u aħna weġibna kif kienu ordnawlna ngħidu: m'azzardajniex nagħmlu mod ieħor, għax konna nafu x'kien jiġrilna jekk ngħidu l-verità."

Fis-sajf tal-1849, John Birley ġie intervistat minn James Rayner Stephens. Ir-rakkont ta' John dwar ħajtu bħala ħaddiem tifel fi Cressbrook Mill deher fl-Ashton Chronicle fid-19 ta' Mejju 1849.

**2. Xhieda ta' tifla ta' 11-il sena: minn "Il-bidu tal-industrija", p. 43, Inkjesta tal-Kummissjoni dwar il-Minjieri (1842):**
"Ili tliet snin naħdem f'isem missieri f'qiegħ il-minjiera. Ikolli ninżel fil-minjiera fis-sagħtejn ta' filgħodu u nerġa' nitla' fis-siegħa jew fis-sagħtejn ta' waranofsinhar.  Immur norqod fis-sitta ta' filgħaxija biex inkun nista' nerġa' nibda x-xogħol l-għada. Fil-minjiera fejn naħdem jien, il-faħam jixtered fuq diżlivell kbir. Kull darba jeħtieġli nitla' erba' slielem, mgħobbija kif inkun, qabel ma nasal sal-mina prinċipali tal-minjiera. Xogħoli jikkonsisti f'li nimla erba' sa ħames karri ta' 200 kilo l-wieħed. Biex nimla dal-ħames karri, ikolli nagħmel 20 vjaġġ. Meta ma jirnexxilix, naqla' xebgħa. Tassew inkun ferħana meta fl-aħħar tispiċċa l-ġurnata tax-xogħol, għax vera nkun mifnija għalkollox."

**3. Minuti tal-ispezzjoni (l-arkivji tad-Départment de la Loire 88 M 21)**
"Fil-fabbrika tal-ħġieġ tas-Sur Irénée Laurent f'Vauche, fis-27 ta' Lulju fil-ħamsa ta' filgħaxija, Jean-Marie Januel, li għandu 8 snin, kien qed jaħdem f'gaj li jibda x-xogħol fl-erbgħa ta' filgħodu u jispiċċa f'nofsillejl...  biċ-ċirkustanza aggravanti li dan it-tifel la jmur skola, ma kellux ktieb tax-xogħol u ma kienx imniżżel fir-reġistru tal-ħaddiema, ilkoll ħwejjeġ li jagħtu prova li dan kien tentattiv premeditat biex joħroġ lil dan it-tifel minn taħt il-mant tar-rwol ta' protezzjoni li naqdu." "Fid-9 ta' Mejju 1891 fis-sagħtejn ta' filgħodu, konvinti li kienu qed jaħbulna li kien hemm tfal jaħdmu billejl, tlajna fuq raff li kien speċi ta' dormitorju, fejn sibna lill-imsemmi Granger Joseph, moħbi f'sodda fejn kien għadu kemm inxteħet bl-ilbies b'kollox, bil-kappell fuq rasu, biż-żraben f'saqajh, u f'idu s-sunnara li jużaw biex jiġbdu l-ħjut. Meta saqsejnieh x'kien qed jagħmel, l-ewwel qalilna li ma kienx jaħdem, u li kien jorqod liebes hekk minn rasu sa saqajh, imma mbagħad aktar tard quddiem is-Sur Perrichon innifsu, ammetta li kien jaħdem fix-xift ta' billejl, minn nofsillejl sa nofsinhar. Minħabba li, bil-prudenza, ma azzardajniex nidħlu fid-dormitorju tal-bniet... temmejna l-investigazzjoni tagħna, konvinti, barra minn hekk, li kienu qed jaħbulna bniet minorenni reqdin bil-ħwejjeġ b'kollox."

**TIM 3**

**William Dodd, A Narrative of the Experience and Sufferings of William Dodd, a Factory Cripple (Rakkont tal-Esperjenzi u t-Tbatijiet ta' William Dodd, Immankat tal-Fabbrika) (1841)**
Fl-età ta' sitt snin sirt 'piecer'. Il-qarrej mhux se jirnexxilu jifhem bi-ċar id-dmirijiet ta' 'piecer', dment li ma jkunx midħla tal-magna li tintuża biex tagħżel ir-raden tas-suf, magħrufa bħala 'billy'. 'Billy' hija magna li tixbah il-forma tal-ittra H, b'naħa waħda fissa u l-oħra tiċċaqlaq b'tali mod li tal-aħħar tista' tiddaħħal imħaxkna taħt il-parti fissa, donnha kexxun ta' tavolina; il-parti li tiċċaqlaq, magħrufa bħala t-tilar, tiġri 'l quddiem u lura permezz ta' sitt roti tal-ħadid fuq tliet binarji tal-ħadid, xi ftit bħal vagun tal-ferrovija. F'dan it-tilar jinsabu l-imraden, bejn 70 u 100 fl-għadd, li lkoll jiddawru permezz ta' rota waħda, li jieħu ħsiebha l-ħaddiem li jgħidulu l-għażżiel. Meta l-għażżiel iressaq it-tilar taħt il-parti fissa tal-magna, jkun jista' jikseb ċertu tul ta' tqardix għal kull marden, ngħidu aħna 10 pulzieri jew pied, li mbagħad jiġbdu 'l barra u jagħżlu f'raden; meta jlesti, ikebbeb ir-raden madwar l-imraden, jerġa' jressaq it-tilar viċin bħal qabel, u jerġa' jikseb tulijiet oħra ta' tqardix.

Dawn it-tulijiet ta' tqardix jaqbadhom f'idu l-leminija l-'piecer', madwar 20 kull darba. Iżommhom madwar erba' pulzieri minn tarf wieħed, bit-tarf l-ieħor imdendel 'l isfel; dawn jeħodhom wieħed wieħed b'idu l-leminija biex jgħaqqadhom ma' xulxin billi jrikkeb fuq xulxin madwar żewġ pulzieri minn tarf kull tul tat-tqardix u jħokkhom b'idu ċatta fuq biċċa tila. Jeħtieġlu jkun espert tassew biex iżomm lill-għażżiel għaddej bi provvista tajba l-ħin kollu. 'Piecer' tajjeb ilaħħaq ma' 30 sa 40 marden.

L-għadd ta' biċċiet ta' tqardix li jgħaddu minn bejn is-swaba tal-'piecer' huwa kbir ħafna: kull biċċa xogħol tirrikjedi tliet jew erba' taħkikiet, fuq spazju ta' tliet pulzieri jew erbgħa; u l-frizzjoni kontinwa tal-id hija u tħokk fuq it-tila raffa tiekol il-ġilda u jibda ħiereġ id-demm mis-swaba'. Biex jaħdem, il-'piecer' ikun bilwieqfa b'sieqa l-leminija 'l quddiem, b'ġenbu l-lemini lejn it-tilar: iċ-ċaqliqa li jagħmel kull darba huwa u għaddej mal-parti ta' quddiem tal-qafas tal-magna, biex jagħmel xogħlu, la tkun 'il quddiem u lanqas lura, imma dejjem bħal jiżżerżaq laġenba, waqt li jżomm ġenbu lemini lejn il-magna l-ħin kollu. jibqa' f'din il-pożizzjoni l-ġurnata kollha, b'idejh, saqajh u għajnejh ma jaqtgħu qatt jiċċaqilqu. Dak li jkun mill-ewwel jifhem li l-parti l-kbira tal-piż tiegħu ikun fuq irkobbtu l-leminija, li kważi dejjem tkun l-ewwel ġog li jċedi.

Spiss ġara li bqajt naħdem mal-magna sa ma bilkemm kelli saħħa nasal sad-dar, u meta kont f'dak l-istat in-nies kienu jarawni aktar nitkaxkar milli nimxi, u kienu jwaqqfuni fit-triq u jħeġġuni ma nibqax naħdem fil-fabbriki; imma ma kellix rajja f'idejja. Tul il-ġurnata, spiss kont inħares lejn l-arloġġ u nikkalkula kemm kien għad baqagħli sigħat x'naħdem; il-filgħaxijiet kont ngħaddihom nipprepara għall-għada – nidlek iż-żejt ma' rkubbtejja, l-għekiesi, il-minkbejn u l-polz eċċ., u kont nimtedd nibki f'soddti biex norqod, bit-talba li l-Mulej jeħodni qabel l-għodwa. [...]

Saqajja spiċċaw sfurmati. Jekk noqgħod bilwieqfa fl-aktar pożizzjoni faċli, meta saqajja jkunu madwar 14-il pulzier waħda mill-oħra, irkubbtejja u kuxxtejja jkunu magħfusin ma' xulxin, b'tali mod li r-riġlejn jiffurmaw bħal arkata li tirfed il-bqija ta' ġismi. Fost id-deni kkawżat minn dan il-liwi u l-kurvatura tar-riġlejn hemm il-ħsara li ssir fil-vini. Minħabba din iċ-ċirkulazzjoni ħażina tad-demm, il-mudullun tal-għadam jinxef. Minħabba f'hekk, l-għadam jitmermer.

Fir-rebbiegħa tal-1840, bdejt inħoss sintomi ta' wġigħ fil-polz tal-lemin, ikkawżat mid-dgħufija ġenerali tal-ġogi sforz ix-xogħol fil-fabbriki. In-nefħa u l-uġigħ baqgħu jiżdiedu; minkejja li kelli l-parir tat-tobba, kollox kien għalxejn; wara li kont ili ftit nieqes mix-xogħol, u billi ma kienx fadalli riżorsi, kelli nidħol fl-Isptar ta' St Thomas fejn ingħatajt kull kura u attenzjoni. Kull min rani malajr fehem li kont appik li jew nitlef idi, jew nitlef ħajti. il-kirurgi tal-isptar għamlu konsulta u waslu għall-konklużjoni li ma kienx hemm triq oħra għajr l-amputazzjoni. Fit-18 ta' Lulju, għamluli

l-operazzjoni. Qatgħuli d-driegħ minn ftit taħt il-minkeb. Hekk spiċċa mxejjen u mfarrak pjan ieħor tiegħi biex noħroġ mill-miżerja u nżomm ruħi barra l-istitut tal-fqar.

**William Dodd intervista lil John Reed, li qabel kien jaħdem ma' Richard Arkwright, fil-ktieb tiegħu The Factory System: Illustrated (1842)**
John Reed huwa ġuvni sfurmat li jgħix fi Cromford. Jirrakkonta kif ġej l-istorja ta' tbatijietu: "Mort naħdem fil-fabbrika tal-qoton tas-Sinjuri Arkwright meta kelli disa' snin. Dak iż-żmien, kont tfajjel godli u f'saħħti, u dritt daqs pinna. Fil-bidu kont naqla' żewġ xelini fil-ġimgħa, għal 72 siegħa xogħol. Bqajt naħdem fil-fabbrika għaxar snin, u l-paga tiegħi żdiedet gradwalment, sa ma bdejt naqla' sitt xelini u tliet soldi fil-ġimgħa; l-akbar paga li qatt kelli. Bil-mod il-mod sfajt immankat, sa ma, fl-età ta' 19-il sena, ma bqajtx niflaħ noqgħod bilwieqfa mal-magna u kelli nitlaq mix-xogħol. It-total tal-pagi li qlajt laħaq madwar 130 xelin, u għal din is-somma sfajt immankat miżerabbli, kif qed taraw, u dawk li stagħnew minn fuq xogħli abbandunawni bla sold wieħed li hu wieħed."

Hawn quddiemna għandna ġuvni li n-natura riditu jkun raġel godli, imma li spiċċa mmankat fl-aqwa żmien ta' ħajtu, u bla tama li qatt jimxi 'l quddiem fil-ħajja! Rari rajt prsuna mmankata b'dan il-mod. Ma jistax jieqaf fuq saqajh mingħajr ma jżomm bastun b'id waħda u dahar ta' siġġu bl-oħra; riġlejh għandhom liwi ta' kull sura. Ġismu, minn-moħħu sa rkubbtejh, mibrum f'kurva, qisu l-ittra C. Ma jazzardax joħroġ minn daru, lanqas li kieku jista'; in-nies jikluh bil-ħars. Issa qed jitgħallem kif jagħmel l-ewwel żraben tat-tfal, u jittama li xi darba jkun jista' jaqla' ħobżu b'dak ix-xogħol.

Għamilt ħafna passiġġati fl-inħawi ta' dan il-post sabiħ u romantiku, u rajt il-kastell u l-binjiet l-oħra li l-Arkwrights huma s-sidien tagħhom, u ma stajtx ma noħroġx il-kuntrast bejn il-kundizzjoni preżenti ta' din il-familja sinjura u l-kundizzjoni umli tal-fundatur tagħha fl-1768. Dak li jkun forsi jistenna li dawk li jkunu ntrefgħu għal tant għana u eminenza jkollhom kumpassjoni mal-persuni mmankati u foqra. Jekk kull ma jonqos hu li xi ħadd jurihom dawn l-iżvinturati, u li sal-lum ħadd għadu ma dawrilhom ħarsithom għal fuqhom, nittama u għandi kull fiduċja li dan il-każ ta' John Reed għad jinġieb għall-attenzjoni tagħhom.

**TIM 4**

**1.** **David Bywater** twieled Leeds fl-1815. Michael Sadler u l-Kumitat tal-House of Commons tiegħu intervistaw lil Bywater fit-13 ta' April 1832. Spjega kemm kien ikollu jdum jaħdem: "Konna nibdew it-Tnejn fis-siegħa ta' filgħodu u nibqgħu għaddejjin sat-tmienja, ħin il-fatra; imbagħad kellna nofs siegħa; u mbagħad konna nibqgħu għaddejjin sa nofsinhar, u kien jagħtuna nofs siegħa biex nixorbu xi ħaġa; imbagħad konna nieqfu siegħa u nofs fil-ħdax u nofs ta' billejl biex nitrejqu; u mbagħad konna nissuktaw sa ħin il-fatra, meta kellna nofs siegħa; u mbagħad konna nerġgħu naħdmu sa nofsinhar, meta kellna siegħa għall-ikel; u mbagħad konna nerġgħu nieqfu fil-ħamsa ta' filgħaxija t-Tlieta biex nixorbu xi ħaġa; imbagħad konna nibqgħu għaddejjjin sa wara l-ħdax, meta konna ngħaddu x-xogħol f'idejn gaj ieħor sal-ħamsa ta' filgħodu tal-Erbgħa." Bywater sostna li dan ir-ritmu kien iwassal għal mankamenti fiżiċi. "Irkubbtejja spiċċaw sfurmati ħafna."

**Mistoqsija:** X'eta' kellek meta bdejt taħdem billejl fid-dipartiment tal-fwar?
**Tweġiba:** Kelli kważi 14-il sena.
**Mistoqsija:** Tista' tiddeskrivi lil dan il-Kumitat x'kellek iġġarrab meta tawk sigħat twal ta' xogħol?
**Tweġiba:** Konna nibdew it-Tnejn fis-siegħa ta' filgħodu u nibqgħu għaddejjin sat-tmienja, ħin il-fatra; imbagħad kellna nofs siegħa; u mbagħad konna nibqgħu għaddejjin sa nofsinhar, u kien jagħtuna nofs siegħa biex nixorbu xi ħaġa; imbagħad konna nieqfu siegħa u nofs fil-ħdax u nofs ta' billejl biex nitrejqu; u mbagħad konna nissuktaw sa ħin il-fatra, meta kellna nofs siegħa; u mbagħad konna nerġgħu naħdmu sa nofsinhar, meta kellna siegħa għall-ikel: u mbagħad konna nerġgħu nieqfu fil-ħamsa ta' filgħaxija t-Tlieta biex nixorbu xi ħaġa; imbagħad konna nibqgħu għaddejjjin sa wara l-ħdax, meta konna ngħaddu x-xogħol f'idejn gaj ieħor sal-ħamsa ta' filgħodu tal-Erbgħa.
**Mistoqsija:** U dak il-ħin kont tmur id-dar?
**Tweġiba:** Le, konna norqdu fil-fabbrika.
**Mistoqsija:** Kif kontu torqdu fil-fabbrika?
**Tweġiba:** Konna ninżgħu kollox ħlief il-qmis, u mmorru fl-aktar parti sħuna tal-fabbrika, f'nofs id-drapp l-aktar niexef li stajna nsibu.
**Mistoqsija:** Kontu tieklu bilwieqfa?
**Tweġiba:** Iva, konna nqiegħdu l-basktijiet fuq il-kaxex.
**Mistoqsija:** Minnu li ma kellek l-ebda mankament meta bdejt dak ix-xogħol iebes u eċċessiv?
**Tweġiba:** Iva.
**Mistoqsija:** X'effett kellu fuq saħħtek u surtek?
**Tweġiba:** Irkubbtejja spiċċaw sfurmati ħafna.
**Mistoqsija:** Lil kieku rrifjutajt li taħdem dawk is-sigħat twal ta' xogħol u xtaqt taħdem għal żmien moderat biss, kienu jżommuk impjegat fil-post tax-xogħol tiegħek?
**Tweġiba:** Kienu jibagħtuni d-dar. Kienu jagħtuni s-sensja minnufih.
**Mistoqsija:** Irċevejt xi informazzjoni dwar il-konsegwenzi li se jkollok għax tajt ix-xhieda tiegħek?
**Tweġiba:** Is-superviżur lil ħija qallu li jekk niġi Londra jkeċċuna t-tnejn li aħna, jien u ħija, u li nistgħu ninsewha li qatt nerġgħu naħdmu. Ħija qallu li huwa ma kellux x'jaqsam; imma nistenna li l-ewwel darba li jinqala' l-iċken intopp fix-xogħol ikeċċuh; għax, jekk tkun familja, u xi membru tal-familja jagħmel xi ħaġa żmerċ, ittir il-familja kollha.

**2.** Sarah Carpenter kienet bint ħaddiem tal-ħġieġ. Meta kellha tmien snin, missierha miet u l-familja kella tidħol fl-istitut tal-fqar ta' Bristol. Sarah tiftakar li: "Ħija bagħtuh mill-istitut tal-fqar ta' Bristol bl-istess mod bħal bosta tfal oħrajn – karrijiet sħaħ ta' tfal kull darba. Ommi damet sentejn ma tafx fejn kien spiċċa. Ħaduh f'nofs ta' lejl bla ma qalulha, u l-uffiċjali tal-istitut qatt ma riedu jgħidulha fejn kien jinsab."

Ftit snin wara, bħal ħuha bdiet taħdem fil-Fabbrika ta' Cressbrook. "L-ikel komuni tagħna kien il-ftajjar tal-ħafur. Kien tqal u raff. Kienu jpoġġu l-ftajjar fil-laned. Imbagħad kienu jferrgħu fuqhom ħalib u ilma mgħolli. Din kienet l-ikla tagħna fil-fatra u filgħaxija. F'nofsinhar konna nieklu torta tal-patata bil-bejken mgħolli fiha, farka 'l hawn u farka 'l hemm, b'tant grass li bilkemm stajna nniżluh l-ikel, minkejja li kellna ġuħ nibilgħu l-art. La qatt rajna te u lanqas butir. Darba fis-sena kienu jagħtuna ftit ġobon u ħobż ismar. Kienu jħalluna nieklu tliet darbiet kuljum biss, minkejja li konna nqumu fil-ħamsa ta' filgħodu u nibqgħu għaddejjin bix-xogħol sad-disgħa ta' billejl."

il-kastigi li kienu jingħataw fil-fabbrika kienu tassew ħorox. "Isem l-imgħallem tat-tqardix kien Thomas Birks; imma qatt ħadd ma kien isejjaħlu b'isem ieħor għajr Tom ix-Xitan. Kien raġel mill-agħar – is-sid kien iħeġġu jkun aħrax mal-ħaddiema kollha, imma b'mod speċjali mat-tfal. Spiss rajtu jneżża' lit-tfajliet, ta' 17 jew 18-il sena, jixħethom fuq irkobbu u jsawwathom b'idu quddiem l-irġiel u s-subien. Kulħadd kien jibża' minnu. Lanqas kien iħallina nitniffsu. Darba marad, u vera ħadna gost. Xtaqnih imut."

Uħud mit-tfal ippruvaw jaħarbu. "Barra l-ħinijiet tax-xogħol, dejjem kienu jżommuna msakkrin, biex ħadd ma jaħrab. Darba minnhom ħallew il-bieb miftuħ. Charlotte Smith qalet li tagħmilha tal-perċimes jekk l-oħrajn jimxu warajha. Ħarġet, imma ħadd ma segwieha. Is-sid sar jaf, u bagħat għaliha. Qabadha minn xagħarha u qarwiżulha b'sikkina tal-laħam, qarwiżulha minn qrib il-qurriegħa. Kellhom drawwa jaqtgħu xagħar it-tfajliet kollha li kienu jinqabdu jkellmu lil xi ġuvni. Dan it-tqarwiż kien kastig terribbli. Konna nibżgħu minnu aktar milli konna nibżgħu minn kwalunkwe kastig ieħor, għax il-bniet u t-tfajliet kburin b'xuxithom."

Sarah Carpenter ġiet intervistata minn James Rayner Stephens fis-sajf tal-1849. Ir-rakkont ta' Sarah dwar ħajjitha bħala ħaddiema tifla fi Cressbrook Mill deher f'The Ashton Chronicle fit-23 ta' Ġunju 1849.

**TIM 5**

**SILTIET MILL-KTIEB – A Memoir of Robert Blincoe (1828)**

Fis-sajf tal-1799, feġġet xnieha li kien se jsir ftehim bejn il-gwardjani tal-knisja u s-superviżuri tal-istitut tal-fqar ta' St. Pancras u s-sid ta' fabbrika kbira tal-qoton fl-inħawi ta' Nottingham. Lit-tfal qalulhom li, meta jaslu fil-fabbrika tal-qoton, isiru bħas-sinjuri: li kienu sejrin jieklu ċ-ċanga mixwija u kejkijiet mill-ifjen, li kienu se jħalluhom jirkbu ż-żwiemel tas-sid u li kien se jkollhom arloġġi tal-fidda u ħafna flus f'buthom. F'Awwissu 1799, 80 tifel u tifla fl-età ta' seba' snin, jew li tal-anqas kienu jaħsbu li kellhom seba' snin, saru apprendisti tal-parroċċa, marbutin bl-apprendistat sa ma jagħlqu 21 sena. [...]

Lil dawn il-ġodda żgħar ħaduhom f'sala spazjuża bi mwejjed twal u dojoq u b'bankijiet. Ordnawlhom joqogħdu bilqiegħda madwar dawk l-imwejjed – is-subien għalihom u l-bniet għalihom. L-ikel li newlulhom kien jikkonsisti f'poriġ tal-ħalib, ta' lewn jagħti fil-blu! Il-ħobż kien imħallat bis-segala, ismar ħafna, u tant kien artab li bilkemm setgħu jibilgħuh, għax weħlilhom ma' snienhom. "Iċ-ċanga mixwija u l-kejkijiet li wegħduna x'sar minnhom?" qal bejnu u bejn ruħu.

L-apprendisti mill-fabbrika waslu. Is-subien ma kienu lebsin xejn aktar ħlief qmis u qalziet. Għonq il-qomos raffi tagħhom kien miftuħ beraħ, u minn xuxithom kont tinduna li xagħarhom rari, jekk qatt, kien ra moxt. Il-bniet, bħas-subien, la kellhom kalzetti u lanqas żraben. Malli daħlu, uħud mill-apprendisti veterani ħarsu lejn il-ġodda; imma għajnejn il-parti l-kbira minnhom l-ewwel fittxew iklithom, li kienet tikkonsisti minn patatiet imqassma minn fetħa bejn il-kċina u r-refettorju.

Bil-maqlub ta' dak li l-ġodda kienu draw bih fl-istitut tal-fqar, fuq l-imwejjed la kien hemm dvalja u lanqas platti, skieken jew frieket. Malli ngħata sinjal, l-apprendisti ġrew lejn il-fetħa fil-ħajt, u malli wieħed kien jingħata l-porzjon li missitu kien jerħilha lejn postu mal-mejda. Blincoe nħasad jara lis-subien joħorġu minn ħżiemhom il-parti ta' quddiem tal-qmis, jerfgħuha minn taħt biż-żewġ idejn, u fiha jilqgħu l-patatiet mgħollija jaħarqu għall-ikla. Il-bniet, b'mod anqas indiċenti, laqgħu il-patatiet fil-fradal tagħhom, imnittin kif kienu bix-xaħmijiet u t-trab, u malli rċevew sehemhom, ġrew lejn il-postijiet rispettivi tagħhom, belgħu l-ikel, u bħal donnhom bagqħu jgħarrxu b'għajnejhom biex jaraw mnejn jistgħu jiddubbaw bukkun ieħor. Wara dan, iċ-ċorma apprendisti ġrew lejn l-imwejjed tal-ġodda, u f'kemm ili ngħidlek kielu kull farka ħobż u kull qatra poriġ li l-ġodda kienu ħallew. [...]

Il-kamra fejn tħallew Blincoe u ħafna mis-subien l-oħra kienet żewġ lindani 'l fuq. Għall-irqad kien hemm bħal żewġ safef kuċċetti madwar il-kamra kollha. L-apprendisti kienu jorqdu tnejn tnejn f'kull kuċċetta. Is-superviżur sejjaħ lejh lill-ġodda u allokalhom wieħed wieħed il-kuċċetta fejn kellu jorqod u l-kumpann tal-irqad tiegħu, u qassamhom b'tali mod li ma kien hemm l-ebda par li t-tnejn kienu ġodda. It-tifel li kellu jaqsam il-kuċċetta ma Blincoe qabeż ħafif ħafif fil-kuċċetta u, bla ma qal xi talba jew għamel xi ħaġa oħra, kien ġa raqad qabel ma Blincoe kien laħaq neża'. Meta Blincoe mtedd fil-kuċċetta, l-intiena li ħarġet mill-ħwejjeġ kollha xaħmijiet u mill-ġilda mdennsa tal-kumpann ir-rieqed kważi qallgħetlu l-istonku. [...]

Lil Blincoe bagħtuh jaħdem f'kamra fejn l-imgħallem kien ċertu Smith. L-ewwel biċċa xogħol li tawh kienet li jiġbor il-qoton sfuż li kien jaqa' malart. Mad-daqqa t'għajn, xejn ma kien jidher eħfef minn hekk, u beda jaħdem biż-żelu kollu, minkejja li kien imwerwer mid-dawran u l-istorbju tal-magni, u minkejja li kien nofsu fgat bit-trabijiet u d-dħaħen. Ma kienx imdorri għall-intejjen, u kien iħossu mqalla'; minħabba li kien il-ħin kollu jitgħawweġ biex jiġbor il-qoton mill-art, dahru beda juġgħu. Allura Blincoe azzarda jpoġġi bilqiegħda; imma ma damx ma tgħallem li din kienet ħaġa projbita strettament fil-fabbriki tal-qoton. Smith, l-imgħallem tiegħu, qallu li jrid bilfors jibqa' fuq saqajh. Hekk għamel, sa nofsinhar, jiġifieri għal sitt sigħat u nofs, bla heda ta' xejn.

Wara li Blincoe għamel dan l-ewwel xogħol li ddeskrivejt, tawh ix-xogħol aktar importanti ta' 'winder' idur mal-magni. Ladarba kien qasir wisq biex jilħaq xogħlu mill-art, tellgħuh fuq kaxxa. Jistinka kemm jistinka, bl-ebda mod ma seta' jlaħħaq mar-ritmu tal-makkinarju. Il-povru tifel għal xejn stqarr li ma setax iħaffef aktar fil-movimenti tiegħu. Is-superviżur sawtu bl-aħrax. Bħal sħabu l-apprendisti kollha, Blincoe kien għalkollox dipendenti fuq l-attitudni tas-superviżuri, li sab li kienu, b'mod ġenerali, ġemgħa manigoldi brutali, feroċi u illitterati. Blincoe ilmenta mas-Sur Baker, il-maniġer, u dan kull ma qallu kien: 'Agħmel xogħlok sewwa, u ħadd ma jsawtek'. Is-superviżur li kien inkarigat minnu kellu ċerta kwantità ta' xogħol x'jippoduċi kull ċertu tul ta' ħin. Jekk kull tifel ma kienx jagħmel il-parti tiegħu, is-superviżur kien jinżamm responsabbli, u kien jitkeċċa hu.

Ħaddied jismu William Palfrey, li kien joqgħod f'Litton, kien jaħdem fil-kamra taħt dik li fiha kien jaħdem Blincoe. Kien jitriegħex bil-kbir kull darba li jisma' s-subien iwerżqu u jixhru. Skont Blincoe, spiss ġara li ra d-demm iċarċar mis-sular ta' fuq. Palfrey ma kienx jiflaħ jissaporti t-twerżiq imwerwer tat-tfal, u kien isabbat fuq it-twavel tas-saqaf b'tant qawwa li kienu jitbewqu 'l fuq, u jgħajat 'Ma tistħux? Qed toqtluhom lit-tfal?' B'dan l-aġir, il-ħaddied ġentili kien irażżan il-krudeltà tas-superviżuri brutali kemm kien idum fil-kamra tax-xogħol tiegħu; imma fis-sebgħa ta' filgħaxija kien imur id-dar, u malli Woodward, Merrick u Charnock kienu jserrħu rashom li Palfrey ma kienx għadu hemm, kienu jħebbu għall-apprendisti u jsawtuhom b'mod sfrenat. [...]

Mary Richards, tifla li kienet titqies tassew sabiħa meta telqet mill-istitut tal-fqar fl-età ta' kważi 10 snin, kienet taħdem maġenb qafas li taħtu, madwar pied 'l isfel, kien hemm xaft orizzontali li kien idawwar it-tilari. Ġara li ġurnata minnhom, filgħaxija, tarf il-fardal tagħha nbaram ma' dan ix-xaft. F'kemm ili ngħidlek, il-povra tifla nġibdet b'qawwa liema bħalha u ssabbtet malart. Werżqet twerżiq jaqsamlek qalbek! Blincoe ġera lejha, xhud agonizzat li ma seta' jagħmel xejn għajr li jberraq għajnejh jara din ix-xena tal-waħx. Ra x-xaft idawwarha u jdawwarha bla heda – sema' l-għadam ta' dirgħajha , riġlejha, kuxxtejha eċċ. jfaqqa' u jitfarrak, hekk kif il-makkinarju kompla jdawwarha bl-akbar ħeffa u jobromha dejjem aktar fil-fond tal-makkinarju; demmha xxerred mal-qafas kollu u niżul gelgul malart, rasha dehret għalkollox mgħaffġa, sa ma fl-aħħar, ġisimha spiċċa ġġamjat bejn ix-xaftijiet u l-art b'tali mod li, bl-ilma baxx fis-sienja u bil-gerijiet skunnettjati, ix-xaft prinċipali ma baqax idur. Meta ħarġuha sabu li kull għadma f'ġisimha kienet miksura, u rasha kienet imfarrka u mgħaffġa. Ġarrewha 'l hemm mejta.